Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ottubru 1978

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-"head restraint" tas-sedili ta' vetturi bil-mutur

(78/932/EEC)

(ĠU L 325, 20.11.1978, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kunsill 87/354/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987	L 192	43	11.7.1987
►**M2**	Direttiva tal-Kunsill 2006/96/KE ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	709	31.12.2008
►**M3**	Direttiva tal-Kunsill 2013/15/UE tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	172	10.6.2013

Emendata minn:

►**A1**	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
►**A2**	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985
►**A3**	Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A4**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ottubru 1978

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-"head restraint" tas-sedili ta' vetturi bil-mutur

(78/932/EEC)

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali ([3]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi illi il-vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jikkonċernaw *inter alia* lill-"*head restraints*";

Billi dawn il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għalhekk neċessarju illi l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet, jew b'żieda jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([4]), kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 78/547/KEE ([5]), tiġi introdotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura.

Billi l-ħti[iet komuni għall-muntaġġi nterni tal-kompartiment tal-passi[[ier, it-tqassim tal-kontrolli, is-saqaf u u s-serħan tad-dahar, u n-naħa ta' wara tas-sedil kienu stipulati fid-Direttiva 74/60/EEC ([6]); billi dawk għall-muntaġġi nterni li jirrigwardaw il-protezzjoni tas-sewwieq mill-mekkaniżmu tal-*isteering* fl-eventwalità ta' impatt kienu stipulati fid-Direttiva 74/297/KEE ([7]); billi dawk li jirrigwardaw is-saħħa tas-sedili u tal-ankoraġġi tagħhom kienu stipulati fid-Direttiva 74/408/KEE ([8]); billi dawk li jirrigwardaw l-ankora[[taċ-ċintorini tas-sigurtà kienu stipulati fid-Direttiva 76/115/KEE ([9]); billi dawk li jirrigwardaw iċ-ċintorini tas-sigurtà u sistemi tat-trażżin kienu stipulati fid-Direttiva 77/541/KEE ([10]);

Billi proċedura armonizzata ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti għall-"*head restraints*" tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru li jivverifika l-konformità mal-ħtiġiet komuni tal-kostruzzjoni u l-ittestjar u li jinforma lill-Istati Membri l-oħra bis-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent kompluta għal kull tip ta' "*head restraint*"; billi t-tqiegħid ta' marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq il-"*head restraints*" immanifatturati b'konformità mat-tip approvat tneħħi kull bżonn ta' verifiki tekniċi fuq dawn il-"*head restraints*" fl-Istati Membri l-oħra;

([1]) ĠU C 82, ta' l-14.4.1975, p. 74.
([2]) ĠU C 76, tas-7.4.1975, p. 37.
([3]) ĠU C 263, tas-17.11.1975, p. 57.
([4]) ĠU C 42, tat-23.2.1970, p. 1.
([5]) ĠU C 168, tas-26.6.1978, p. 39.
([6]) ĠU C 38, tal-11.2.1974, p. 4.
([7]) ĠU C 165, ta' l-20.6.1974, p. 16.
([8]) ĠU C 221, tat-12.8.1974, p. 1.
([9]) ĠU C 24, 30. 1976. 1970, p. 1.
([10]) ĠU C 220, tad-29.8.1977, p. 95.

▼B

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrigwardaw il-vetturi bil-mutur jinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri ta' verifiki li jitwettqu minn kull wieħed minnhom fuq il-bażi ta' ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal kull tip ta' "*head restraint*" kemm jekk tkun integrata mas-sedili tal-vetturi bil-mutur jew le, li tissodisfa l-ħtiġiet tal-kostruzzjoni u l-ittestjar stipulati fl-Annessi I sa V.

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal "*head restraint*" għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika illi l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat, sakemm dan ikun neċessarju u jekk ikun hemm il-ħtieġa f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra. Verifikazzjoni ta' dan it-tip għandha tkun limitata għal testijiet saltwarji.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' "*head restraint*" li huma japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, lill-manifattur, jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, li tikkonforma mal-mudell li jidher fl-Anness VI.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jipprevjenu l-użu ta' marki li jkunu jistgħu joħolqu konfużjoni bejn "*head restraints*" li jkunu ngħataw l-approvazzjoni tat-tip skond l-Artikolu 1 u mezzi oħra.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' "*head restraints*" għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni tagħhom jew il-metodu ta' kif jiffunzjonaw jekk ikollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta'komponent.

2. Madankollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' "*head restraints*" li jkollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li b'mod konsistenti jonqsu milli jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lil Kummissjoni fuq il-miżuri meħuda, u jispeċifika r-raġunijiet li wassluh għal din id-deċiżjoni.

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom fi żmien xahar jibgħatu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kopja taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u ċ-ċertifikati ta' estensjoni kompluti għal kull tip ta' "*head restraint*" li huma japprovaw jew jirrifjutaw li japprovaw.

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent isib li numru ta' "*head restraints*" li jkollhom l-istess marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ma jikkonformawx mat-tip li jkun ġie approvat, għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk tal-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li jittieħdu, illi jistgħu jestendu għall-irtirar ta'

▼B

l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor fuq nuqqas ta' konformità bħal dan.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom fi żmien xahar jinformaw lil xulxin b'kull irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, u bir-raġunijiet għal dik il-miżura.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, biex tiġi rifjutata jew irtirata approvazzjoni tat-tip ta' komponent għal "*head restraint*" jew li tipprojbixxi t-tqegħid tagħha fis-suq jew użu għandha tispeċifika fid-dettall ir-raġunijiet illi fuqhom hija bbażata. Din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-parti konċernata, illi għandha fl-istess ħin tiġi nformata bir-rimedji disponibbli għaliha skond il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bit-termini ta'żmien pemessi sabiex jiġu eżerċitati dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li jirrigwardaw il-"*head restraints*" tagħha, jekk dawn ikollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu intenzjonati għal istallazzjoni f'tip ta' vettura sottomessa għall-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura għal raġunijiet li jirrigwardaw il-"*head restraints*" tagħha, jekk dawn ikollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jkunu intenzjonati għall-istallazzjoni f'tip ta' vettura sottomesa għall-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur fil-kategorija M1 (kif definita fl-Anness 1 għad-Direttiva 70/156/KEE) maħsuba għall-użu fit-triq, li jkollha mill-anqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25km fis-siegħa.

Artikolu 10

Kull emenda neċessarja biex jiġu adattati l-ħtiġiet tal-Annessi għall-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-disposizzjoniiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

LISTA T' ANNESSI

ANNESS I: Kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet, applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, speċifikazzjonijiet ġenerali u konformità tal-produzzjoni ([1])

ANNESS II: Il-proċedura biex tiddetermina l-punt "H" u l-angolu attwali tad-dahar tas-sedil u biex tivverifika il-pożizzjonijiet relattivi tal-punti R u H u r-relazzjoni bejn id-disinn tal-angolu tad-dahar tas-sedil u l-angolu attwali tad-dahar tas-sedil.

ANNESS III: determinazzjoni tal-għoli u l-wisa' tal-"*head restraints*" ([1])

ANNESS IV: dettalji tal-linji ddisinjati u l-qisien meħuda matul it-test ([1])

ANNESS V: il-proċedura tat-test biex tivverifika d-dissipazzjoni tal-enerġija ([1])

ANNESS VI: il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta'komponent

ANNESS VII: iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta'komponent

([1]) Il-ħtiġiet tekniċi meħtieġa ta' dan l-anness huma simili għal dawk tar-Regolament Nru 25 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505 rev. 1/add. 24); it-tqassim f'sezzjonijiet huwa għalhekk l-istess. Meta sezzjoni tar-Regolament Nru 25 m'għandha l-ebda kontoparti fl-Annessi ta' din id-Direttiva, in-numru tagħha huwa mogħti fil-parentesi għar-rekord.

▼B

ANNESS I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA'KOMPONENT, SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI U KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Din id-Direttiva tapplika għall-"*head restraints*" (*head rests*):

— li jifformaw parti integrali mid-dahar tas-sedil, jew

— li jkunu iddisinjati sabiex jiġu stallati fuq is-sedil,

ta' vetturi bil-mutur li jikkonformaw mad-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 9 u intenzjonati għall-użu separat, jiġifieri bħala tagħmir individwali minn okkupanti adulti ta' sedili li jħarsu 'l quddiem.

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. **Tip ta' vettura fir-rigward ta' "*head restraints*"**

"Tip ta' vettura fir-rigward ta' '*head restraints*'" ifisser vettura li ma tkunx differenti fl-aspetti essenzjali tagħha bħal:

2.1.1. il-linji u d-dimensjonijiet interni tal-*bodywork* li jikkostitwixxi l-kumpartiment tal-passiġġieri; u

2.1.2. it-tip u d-dimensjonijiet tas-sedili.

2.2. **Il-"head restraint"**

"*Head restraint*" tfisser mezz illi l-funzjoni tiegħu tkun illi tillimita l-ispustjar lura ta' ras l-okkupant f'relazzjoni mal-ġisem sabiex tnaqqas il-periklu ta' ħsara lil-"*vertebrae*" ċervikali fl-eventwalità ta' aċċident. Dan il-mezz jista' jkun u jista' ma jkunx jifforma parti integrali mid-dahar tas-sedil.

2.3. **Tip ta' sedil**

"Tip ta'sedil" ifisser sedili li ma jkunux differenti fid-dimensjonijiet, fil-qafas tagħhom jew fl-inforrar tagħhom, għalkemm jistgħu ikunu differenti fil-materjal ta' barra jew fil-kulur.

2.4. **Tip ta' "*head restraint*"**

"Tip ta' '*head restraint*'" ifisser "*head restraints*" li ma jkunux differenti fid-dimensjonijiet, fil-qafas tagħhom jew fl-inforrar tagħhom, għalkemm jistgħu ikunu differenti fil-materjal ta' barra, fil-kulur jew fil-kisi.

2.5. **Punt H**

(ara l-Anness II).

2.6. **Punt r jew il-punt ta' riferenza tat-tpoġġija fuq is-sedil**

(ara l-Anness II).

2.7. **Il-linja ta' riferenza r**

"Il-linja ta' riferenza r " tfisser linja dritta illi, jew fuq manikin tat-test li jkollu l-massa u d-dimensjonijiet tal-medja tal-irġiel aduli jew fuq manikin tat-test li jkollu karatteristiċi identiċi, jgħaddi minn ġewwa l-ġog tas-sieq mal-pelvis u fejn jaqgħqad l-għonq mat-toraċi fuq il-manikin irreferut fl-Artikolu 3 ta' l-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 77/649/KEE tat-27 ta' Settembru 1977 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-kamp

▼B

viżiv tas-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur ([1]), li riferenza għalih hija magħmula fl-Anness II ta' din id-Direttiva, il-linja ta' riferenza hija dik li tidher fil-Figura 1 fl-Appendiċi tal-Anness III tad-direttiva 77/649/KEE.

2.8. **Il-linja tar-ras**

"Linja tar-ras" tfisser linja dritta li tgħaddi minn ġewwa ċ-ċentru tal-gravità tar-ras u minn ġor-rabta tal-għonq mat-toraċi. Meta r-ras tkun mistrieħa il-linja tar-ras tkun qiegħda fl-estensjoni tal-linja tar-riferenza

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tiġi sottomessa mill-propjetarju tal-isem kummerċjali jew tal-marka tan-negozju tas-sedil jew '*head restraint*; jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

3.2. Għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti li ġejjin:

3.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tal-"*head restraint*", li tispeċifika partikolarment in-natura tal-materjal tal-ikkuttunar u l-materjali u, fejn huwa applikabbli, l-pożizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tas-supporti u l-ankoraġġi għat-tip jew tipi ta' sedili illi għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-"*head restraint*" hija rikjesta;

3.2.2. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip jew tipi ta' sedili illi għalihom l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-"*head restraint*" hija rikjesta;

3.2.3. Dettalji tat-tip jew tipi ta' vetturi illi fuqhom huma intenzjonati biex jitwaħħlu is-sedili referuti f'3.2.2;

3.2.4. Disinji dimensjonali tal-partijiet karatteristiċi tas-sedil u tal-"*head restraint*".

3.3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu mressqa għas-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent:

3.3.1. Jekk il-"*head restraint*" tkun parti integrali mis-sedil: Erba' sedili kompluti;

3.3.2. Jekk il-"*head restraint*" hija intenzjonata biex tkun ankrata fis-sod mas-sedil:

3.3.2.1. żewġ sedili minn kull tip illi fuqu se titwaħħal il-"*head restraint*";

3.3.2.2. 4 + 2N "*head restraints*", N huwa n-numru ta' tipi ta' sedili illi fuqhom se titwaħħal il-"*head restraint*".

3.4. s-servizz tekniku responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent jista' jitlob:

3.4.1. Is-sottomissjoni ta' partijiet speċifiċi jew kampjuni speċifiċi tal-materjali użati; u/jew

3.4.2. Is-sottomissjoni ta' vetturi tat-tip jew tipi irreferuti f'3.2.3.

4. IMMARKAR

4.1. Il-mezzi sottomessi għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għandhom:

4.1.1. ikunu immarkati b'mod ċar u ma jitħassarx bl-isem jew il-marka tan-negozju tal-applikant;

4.1.2. jipprovdu spazju adegwat fuq in-naħa tal-ġenb għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent: dan l-ispazju għandu jintwera fid-disinji referuti f'3.2.4.

4.2. Fejn il-"*head restraint*" tkun tifforma parti integrali mis-sedil, l-immarkar irreferut f' 4.1.1 u 4.1.2 għandu jiġi magħmul fuq il-parti tas-sedil illi tkun użata bħala "*head restraint*".

(5.)

([1]) ĠU C 267, tad-19.10.1977, p. 1.

▼B

6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

6.1. Il-preżenza tal-“*head restraint*” ġewwa vettura m’għandhiex tkun kaġun addizzjonali ta’ periklu għall-okkupanti tal-vettura. B’mod partikolari m’għandhiex tipprezenta xi periklu jew xfar jaqtgħu li jistgħu iżidu r-riskju tal-gravità ta’ferimenti lill-okkupanti f’xi pożizzjoni jew f’xi użu. Partijiet tal-“*head restraint*” illi jkunu qedin fiż-żona tal-impatt definita hawn taħt għandhom ikunu kapaċi jiddissipaw l-enerġija bil-manjiera speċifikata fl-Anness V ta’ din id-Direttiva:

6.1.1. Iż-żona tal-impatt għandha tkun marbuta lateralment b’żewġ pjani vertikali longitudinali, wieħed fuq kull naħa ta’ u kull 70 mm ’il bogħod mill-pjan tas-simmetrija tas-sedil ikkonċernat;

6.1.2. Iż-żona tal-impatt għandha tkun limitata fl-għoli sal-parti tal-“*head restraint*” impoġġija fuq il-pjan perpendikolari għall-linja ta’ riferenza R u 635 mm ’il bogħod mill-punt R.

6.2. Partijiet tan-naħa ta’ quddiem u tan-naħa ta’ wara tal-“*head restraint*” illi jkunu qegħdin ’il barra mill-imsemmija pjani vertikali longitudinali għandhom ikunu ikkottonati b’tali mod li jipprevenu kull kuntatt direct tar-ras mal-komponenti strutturali, li għandhom f’dawk il-postijiet ikollhom raġġ ta’ kurvatura ta’ mhux anqas minn 5mm.

6.3. Il-“*head restraint*” għandha tkun ankrata mas-sedil b’tali mod illi l-ebda parti iebsa jew perikoluża ma tisponta mill-ikkottonar tal-“*head restraint*” mill-ankraġġ jew mid-dahar tas-sedil bħala riżultat tal-pressa li tagħmel ir-ras waqt it-test.

6.4. L-għoli tal-“*head restraint*”, mkejjel kif deskritt f’ 7.2, m’għandux ikun anqas minn 700 mm ‘il fuq mill-punt tar-riferenza tat-tqegħid bil-qiegħda R.

6.5. L-għoli tal-mezz illi fuqu sserraħ ir-ras, meqjusa kif deskritt f’ 7.2, għandu, fil-każ ta’ “*head restraint*” bl-għoli aġġustabbli, ma tkunx anqas minn 100mm.

6.6. Ma għandux ikun hemm spazju ta’ aktar minn 50 mm bejn id-dahar tas-sedil u l-“*head restraint*” fil-każ li l-“*head restraint*” ma jkollhiex għoli aġġustabbli. Jekk il-“*head restraint*” ikollha għoli aġġustabbli, m’għandhiex, meta tkun ‘l isfel b’kollox, tkun iktar minn 25 mm min-naħa ta’ fuq tad-dahar tas-sedil.

6.7. Il-wisa’ tal-“*head restraint*” għandu jkun b’tali mod illi jipprovdi sostenn adegwat għar-ras ta’ persuna li tkun bil-qiegħda b’mod normali. Fil-pjan ta’ kejl tal-wisa’ definit f’ 7.3, il-“*head restraint*” għandha tkopri ż-żona li testendi mhux inqas minn 85 mm lejn kull naħa tal-pjan tas-simmetrija tas-sedil illi għalih il-“*head restraint*” tkun intenzjonata, din id-distanza tkun imkejjla bi qbil ma’ 7.3.

6.8. Il-“*head restraint*” u l-ankraġġi tagħha għandhom ikunu b’tali mod illi l-ispustjar massimu lura tar-ras permess mill-“*head restraint*” u mkejjel b’konformità mal-proċedura statika stipulata f’7.4 ikun inqas minn 102 mm.

6.9. Il-“*head restraint*” u l-ankraġġ tagħha għandu jkun b’saħħtu biżżejjed biex jiflaħ mingħajr ma jċedi il-forza speċifikata f’ 7.4.3.7.

7. TESTIJIET

7.1. **Verifikazzjoni tal-punt r fejn is-sedil illi fuqu il-“*head restraint*”tkun se tiġi inkorporata**

Dan il-punt jiġi vverifikat bi qbil mal-ħtiġiet ta’ l-Anness II.

7.2. **Determinazzjoni tal-għoli tal-“*head restraint*”**

7.2.1. Il-linji kollha għandhom jiġu ddisinjati fuq il-pjan tas-simmetrija tas-sedil ikkonċernat, l-intersezzjoni ta’ liema pjan mas-sedil tiddetermina l-kurvatura tal-“*head restraint*” u tad-dahar tas-sedil (ara l-Anness III, Figura 1).

7.2.2. Il-manikin li jikkorrispondi mal-medja tal-irġiel adulti jew il-manikin referut fl-Artikolu 3 ta’ l-Anness III tad-Direttiva 77/649/EEC għandu jiġi ppostjat f’pożizzjoni normali fuq is-sedil. Id-dahar tas-sedil, jekk ikun inklinabbli, għandu jiġi maqful f’pożizzjoni li tikkorrispondi għall-inklinazzjoni lura tal-linja tar-riferenza tat-torso tal-manikin tal-eqreb possibbli għal 25 mill-vertikali.

7.2.3. Il-projezzjoni tal-linja tar-riferenza tal-manikin kif referuta fl-Artikolu 3 ta’ l-Anness III tad-Direttiva 77/649/KEE tiġi għalhekk, fil-każ tas-sedil

▼B

ikkonċernat, iddisinjata fuq il-pjan speċifikat f'7.2.1. It-tanġent S għan-naħa ta' fuq tal-"*head restraint*" jiġi iddisinjat perpendikolarment għal-linja ta' riferenza.

7.2.4. Id-distanza H mill-punt R għat-tanġent S huwa l-għoli li għandu jiġi kkunsidrat fit-twettiq tal-kundizzjoni meħtieġa ta' 6.4.

7.3. **Determinazzjoni tal-wisa' tal-"*head restraint*"**

(Ara l-Anness III, Figura 2).

7.3.1. Il-pjan S1 perpendikolari għal-linja ta' riferenza u ippostjat 65 mm 'l isfel minn tanġent S definit f' 7.2.3 jiddefinixxi sezzjoni fil-"*head restraint*" li jħaddan il-profil C. Id-direzzjoni tal-linji dritti tanġenzjali għal C li jirrappreżentaw l-intersezzjoni ta' pjan S1 u l-pjani vertikali (P u P'), paralleli għall-pjan ta' simetrija tas-sedil ikkonċernat, huma disinjati fi pjan S1.

7.3.2. Il-wisa' tal-"head restraints" li għandha tiġi kkunsidrata fit-twettiq tal-kondizzjonijiet meħtieġa ta' 6.7 hija d-distanza L li tissepara il-proġezzjonijiet ta' pjani P u P' fi pjan S1.

7.3.3. Il-wisa' tal-"*head restraint*" għandu jekk ikun neċessarju jiġi wkoll iffissat 635 mm 'il fuq mill-punt tar-riferenza tat-tqegħid bil-qiegħda, din id-distanza tkun meqjusa matul il-linja tar-riferenza.

7.4. **Determinazzjoni tal-effettività tal-mezz**

7.4.1. L-effettività tal-"*head restraint*" għandha tiġi verifikata bit-test statiku deskritt isfel.

7.4.2. Preparazzjoni għat-test

7.4.2.1. Jekk il-"*head restraint*" ma tkunx parti integrali mis-sedil, għandha tiġi aġġustjata fl-aktar pożizzjoni għolja.

7.4.3. Ittestjar

7.4.3.1. Il-linji kollha għandhom jiġu ddisinjati fil-pjan vertikali tas-simetrija tas-sedil ikkonċernat (ara l-Anness IV).

7.4.3.2. Projezzjoni tal-linja ta'riferenza R huwa iddisinjat fil-pjan li hemm riferenza għalih f' 7.4.3.1.

7.4.3.3. Il-linja ta'riferenza spostjata R1 hija iddeterminata billi tiġi applikata l-parti li tissimula d-dahar tal-manikin li hemm riferenza għalih fl-Anness III għad-direttiva 77/694/KEE, forza inizjali li tipproduċi mument lura ta' 37.3 mdaN lejn il-punt R.

7.4.3.4. Permezz ta' ras sferikali ta' 165 mm fid-dijametru forza inizjali li tipproduċi mument ta' 37. 3 mdaN lejn il-punt R tiġi applikata f'angolu skwerra mal-linja ta' riferenza spustjata R1 f'distanza ta' 65 mm taħt in-naħa ta' fuq tal-"*head restraint*".

7.4.3.5. It-tanġent Y għar-ras sferikali, parallel mal-linja tar-riferenza spustjata R1, huwa determinat.

7.4.3.6. Id-distanza X bejn it-tanġent Y u l-linja ta' riferenza spustjata R1 tiġi mkejla. Il-kundizzjoni meħtieġa ta' 6.8 tiġi meqjusa sodisfatta jekk id-distanza X tkun anqas minn 102 mm.

7.4.3.7. Il-forza inizjali f'7.4.3.4 tiġi miżjuda għal 89 DAN sakemm ma jkunx sar ksur fis-sedil jew fid-dahar tas-sedil qabel.

8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

(8.1.)

(8.2.)

(8.3.)

8.4. "*Head restraints*" magħżula għall-verifikazzjoni tal-konformità ma' tip approvat għandhom għall-inqas jitressqu għat-test deskritt f' Sezzjoni 7.

(9.)

▼B

10. ISTRUZZJONIJIET

Ma' kull mudell li jikkonforma ma' tip approvat ta' "*head restraint*", il-manifattur għandu jipprovdi partikolaritajiet tat-tipi u l-karatteristiċi ta' sedili illi għalihom il-"*head restraint*" tiġi approvata u, fejn japplika, l-istruzzjonijiet għal min juża il-"*head restraint*" fuq kif titwaħħal korrettement mas-sedili ikkonċernati.

▼B

ANNESS II

IL-PROĊEDURA BIEX TIDDETERMINA L-PUNT "H" U L-ANGOLU ATTWALI TAD-DAHAR TAS-SEDIL U BIEX TIVVERIFIKA L-POŻIZZJONIJIET RELATTIVI TAL-PUNTI R U H U R-RELAZZJONI BEJN ID-DISINN TAL-ANGOLU TAD-DAHAR TAS-SEDIL U L-ANGOLU ATTWALI TAD-DAHAR TAS-SEDIL.

Anness III tad-Direttiva 77/649/kee għandu jkun applikabbli.

▼B

ANNESS III

DETERMINAZZJONI TAT-TUL U L-WISGHA TAL-HEAD RESTRAINT




Figura 1





Figura 2

▼B

ANNESS IV

DETTALJI TA' LINJI MPINĠIJA U L-KEJL LI TTIEHDU WAQT IT-TEST



▼B

ANNESS V

IL-PROĊEDURA TAT-TEST BIEX TIVVERIFIKA D-DISSIPAZZJONI TAL-ENERĠIJA

1. IMMUNTAR, APPARAT TAT-TEST, STRUMENTI TAR-REĠISTRAZZJONI U PROĊEDURA

1.1. **Immuntar**

Il-"*head restraint*" għandha tkun imwaħħla u ttestjata fuq is-sedil tal-vettura illi għaliha hija intenzjonata. Is-sedil għandu jkun marbut sew mal-bank tat-test sabiex ma jiċċaqlaqx mal-impatt.

1.2. **Apparat tal-ittestjar**

1.2.1. Dan l-apparat jikkonsisti f'pendlu illi l-pern tiegħu ikun imwieżen minn "*ball bearings*" u li l-massa ridotta tiegħu ([1]) fiċ-ċentru tal-perkussjoni tkun 6.8 Kg. It-tarf t'isfel tal-pendlu jikkonsisti f'piż iebes ta' dijametru ta'165 mm illi ċ-ċentru tiegħu ikun identiku għaċ-ċentru tal-perkussjoni tal-pendlu.

1.2.2. Il-piż ikun mgħammar b'żewġ aċċellerometri u bi strument li jkejjel il-veloċità, kollha kemm huma kapaċi jieħdu l-kejl fid-direzzjoni tal-impatt.

1.3. **Strumenti tar-reġistrazzjoni**

L-istrumenti tar-reġistrazzjoni li jintużaw għandhom ikunu tali li l-kejl ikun jista' jsir bil-gradi ta' preċiżjoni li ġejjin:

1.3.1. Aċċellerazzjoni:

— preċiżjoni: ±5 % tal-valur propju,

— reazzjoni tal-frekwenza: L-iktar sa 1 000 HZ

— sensittività al-assi msallba: < 5 % tal-anqas punt fuq l-iskala.

1.3.2. Veloċita:

— preċiżjoni: ± 2.5 % tal-valur propju,

— sensittività: 0.5 KM/H.

1.3.3. Reġistrazzjoni tal-ħin:

— L-istrumentazzjoni għandha tippermetti li l-azzjoni tiġi rreġistrata matul id-dewmien tagħha u l-qari għandu jsir f'ħin ta' wieħed minn kull elf ta' sekonda.

— Il-bidu tal-impatt fil-mument tal-ewwel kuntatt bejn il-piż u l-"*head restraint*" li tkun qiegħda tiġi vvalutata jiġi mniżżel fir-reġistrazzjoni użata biex jiġi analizzat it-test.

1.4. **Il-proċedura tat-test**

1.4.1. Il-wiċċ li jkun se jiġi ttestjat għandu jkun ippostjat b'tali mod illi l-pendlu jolqot il-wiċċ perpendikolari għall-punt ikkonċernat.

1.4.2. Il-piż għandu jolqot l-oġġett tat-test b'veloċità ta' 24.1 km fis-siegħa. Din il-veloċità tintlaħaq jew bl-enerġija waħdanija tal-propulsjoni jew billi jintuża mezz addizzjonali tal-propulsjoni.

2. RIŻULTATI

Fit-testijiet li jsiru skond il-proċedura ta' hawn fuq, id-deċellerazzjoni tal-piż m'għandhiex tisboq it-80 g kontinwament għal aktar minn tliet millisekondi. Ir-rata tad-deċellerazzjoni titħieħed fuq il-medja tal-qari fuq iż-żewġ deċellerometri.

([1]) Ir-relazzjoni tal-massa ridotta "mr" tal-pendlu mal-massa totali "m" tal-pendlu f'distanza "a" bejn iċ-ċentru tal-perkussjoni u l-assi ta' rotazzjoni f'distanza "l" bejn iċ-ċentru tal-gravità u l-assi tar-rotazzjoni jiġi maħdum b'din il-formula: $m_r = m\frac{l}{a}$.

▼B

3. PROĊEDURI EKWIVALENTI

3.1. Proċeduri ekwivalenti tat-test huma permessi bil-kundizzjoni li r-riżultat meħtieġ f' Sezzjoni 2 ikun jista' jintlaħaq.

3.2. Ir-responsabbilità tat-turija tal-ekwivalenza ta' metodu differenti minn dak deskritt f' Sezzjoni 1 tibqa' f'idejn il-persuna li tuża dan il-metodu.

▼B

ANNESS VI

IL-MARKA TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA'KOMPONENT

1. ĠENERALI

1.1. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent tikkonsisti f':

1.1.1. Rettangolu madwar l-ittra minuskola "e" segwit min-numru jew ittri li jiddistingwu bejn l-Istati Membri li jkunu ħarġu approvazzjoni tat-tip ta' komponent:

▼A2

1 għall-Ġermanja

2 għal Franza

3 għall-Italja

4 għall-Olanda

6 għall-Belġju

9 għal Spanja

11 għar-Renju Unit

13 għal-lussemburgu

18 għad-Danimarka

▼M1

EL għall-Greċja

▼A2

IRL għall-Irlanda

P għall-Portugall

▼A3

12 għall-Awstrija

17 għall-Finlandja

5 għall-Isvezja

▼A4

8 għar-Repubblika Ċeka

29 għall-Estonja

CY għal Ċipru

32 għal-Latvja

36 għal-Litwanja

7 għall-Ungerija

MT għal Malta

20 għall-Polonja

26 għas-Slovenja

27 għas-Slovakkja

▼M2

34 għall-Bulgarija

19 għar-Rumanija

▼M3

25 għall-Kroazja;

▼B

1.1.2. Għandha tinkludi wkoll numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li jikkorrispondi man-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent maħruġ għat-tip ta' "*head restraint*" fil-kwistjoni; dan in-numru jiġi imqiegħed f'xi post konvenjenti ħdejn ir-rettangolu;


1.1.3. Fejn il-"*head restraint*" hija parti integrali mid-dahar tas-sedil, in-numru tal-approvazzjoni tat- tip tal-KEE ta' komponent jiġi preċedut bl-ittra "I" u sink.


1.2. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tkun leġibbli b'mod ċar u li m jistgħax jitħassar.

▼B

2. ŻEWĠ EŻEMPJI TA' MARKI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT


2.1. **Marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent ta' "*head restraint*"illi tifforma parti integrali mas-sedil.**





Il-marka hawn fuq tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent imwaħħla ma' "*head restraint*" jew "*restraints*" li jkunu parti integrali mis-sedil jew sedili ta' vettura turi illi t-tip ta' sedil msemmi ġie approvat fir-rigward ta' "*head restraints*" fl-Olanda (e4) bin-numru 2439.

2.2 **Marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent ta' "*head restraint*"illi ma tkunx parti integrali mas-sedil**





Il-marka hawn fuq tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponent imwaħħla ma' "*head restraint*" turi illi l-"*head restraint*" imsemmija ġiet mogħtija approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, jiġifieri "*head restraint*" illi m'hix parti integrali mas-sedil u hija approvata fl-Olanda bin-numru 2439.

▼B

ANNESS VII

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

(Format massimu: A4 (210 x 217mm))

Isem tal-amministrazzjoni

Notifikazzjoni li tirrigwarda l-għoti, ċ-ċaħda jew l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent ta' tip ta' *'head restraint'*, kemm jekk tkun u kemm jekk ma tkunx inkorporata f'sedil

Numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent: .....

1. Isem kummerċjali jew *trade mark*.....
2. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

   .....
3. Fejn japplika, l-isem tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur .....

   .....
4. Data ta' .....
5. Is-servizz tekniku li jikkonduċi testijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent .....

   .....
6. Deskrizzjoni fil-qosor tal-*'head restraint'* ([1]).....

   .....

   .....
7. Tip u karatteristiċi tas-sedili illi għalihom il-*'head restraint'* hija intenzjonata jew li magħhom hija inkorporata .....

   .....
8. Tipi ta' vetturi illi għalihom is-sedili illi fuqhom tista' tiġi installata l-*'head restraint'* huma intenzjonati .....
9. Data tar-rapport maħruġ mis-servizz tekniku .....
10. In-numru tar-rapport maħruġ mis-servizz tekniku .....
11. Approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fir-rigward ta' *'head restraints'* kemm jekk ikunu u kemm jekk ma jkunux inkorporati, hija hawnhekk miċħuda ([2])
12. Il-post .....
13. Data .....
14. Firma .....
15. Id-dokumenti li ġejjin, li jkollhom in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent muri fuq, huma annessi ma' dan iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent:

    ..... disinni, diagrammi u ritratti tal-*'head restraint'* u tas-sedili illi għalihom il-*'head restraint'* hija intenzjonata jew li fuqhom hija inkorporata.
16. Rimarki .....

    .....

([1]) Fil-kaz ta' 'head restraint' inkorporata din is-sezzjoni m'ghandhiex ghalfejn timtela jekk il-karatteristiċi u l-partikolaritajiet kollha neċessarji jkunu elenkati fis-Sezzjoni 8.
([2]) Aqta' fejn ma japplikax.